MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2007

Numru 1436/2007

Il- Pulizija
(Spettur Raymond Cassar)

-vs-

Saviour Gauci

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Saviour Gauci ta' 47 sena, iben il- mejjet Anthony u Carmela nee` Bonnici, imwieled fil- Pieta` fil- 15 ta' Dicembru, 1959 u li joqghod fil- fond numru 27, Drive In fi Triq Santa Marija, San Pawl il- Bahar u detentur ta' karta tal- identita` Maltija bin- numru 13160M.

Akkuzat talli f' xi hin bejn is- 16 u t- 18 ta' Lulju, 2004, fil- Bajja tax- Xemxija f' San Pawl il- Bahar, ikkommetta serq ta' mutur tal- bahar tal- marka Yamaha bin- numru sirjali

682KL252477 ghad- dannu ta’ Joseph Busuttil, liema serq huwa aggravat bil- mezz, bil- hin u bil- valur;

U aktar talli fil- 21 ta’ Frar, 2005 u/jew fix- xhur ta’ qabel, xjentament xtara u/jew laqa` ghandu hewjjeg misruqa, mehuda b’ qerq jew akkwistati b’ reat sew, jew xjentament, b’ kull mod iehor li jkun iddahhal f’ dawn il- Gzejjer biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti huma gejjin minn serq ikkwalifikat bil- mezz, bil- hin u bil- valur li ma jeccedix l- elf lira Maltin;

U aktar talli fit- 12 u fit- 18 ta’ Novembru, 2007 naqas li jhares il- kundizzjonijiet imposti fuqu meta huwa nheles mill- arrest mill- ufficjal tal- kustodja ai termini ta’ l- artikolu 355 AL(3)(a);

U talli kiser kundizzjonijiet imposti fuqu mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) b’ sentenza moghtija mill- Magistrat Dr. Tonio Micallef Trigona LL.D. fl- 4 ta’ April 2005;

U aktar talli sar recidiv ai termini ta’ Artikoli 49, 50, u 289(1) ta’ Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta b’ diversi sentenzi u li ma jistghux jigu mibdula.

Rat li l-imputat ammetta l-ewwel, it-tielet, ir-raba u l-hames imputazzjoni anke wara li l-Qorti fissritlu l-konsegwenzi ta’ ammissjoni u taghtu zmien biex jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278, 280, 289(1), 334, u 335AL(3)(e),(5) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll l-artikolu 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti prezentati inkluz dak markat Dok RC7 li minnu jirrizulta li l-valur tar-res refurtiva huwa ta’ sitt mitt Lira (Lm600).

Rat il-fedina penali ta’ l-imputat.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi f'l-udjenza mizmuma fit-22 ta' Novembru 2007 minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-ewwel, it-tielet, ir-raba, l-hames u s-sitt imputazzjoni li huma dawk ta' serq aggravat, ksur ta'kundizzjonijiet imposti mill-ufficjal tal-kustodja meta nheles mill-arrest, recidiva u ksur ta' ordni ta' *probation*. Dawn l-imputazzjonijiet ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi t-tieni imputazzjoni, u cioe dik ta' ricettazzjoni, hija alternativa ghall-ewwel imputazzjoni ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi dwar il-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-fedina penali ta' l-imputat hija wahda refrattaja ghall-ahhar. Minnha jirrizultaw ghad ta' kundanni ghal diversi tipi ta' reati inkluz serq; l-imputat gia skonta diversi kundanni ta' prigunerija. Mill-fedina jirrizulta ukoll li l-opportunitajiet li nghataw lill-imputat mill-Qorti biex jirriforma ruhu ma hadhomx tant li s-serqa mertu ta' din l-akkuza giet kommessa tlett xhur biss wara li l-imputat tpogga taht ordni ta' *probation* wara li nstab hati ta' diversi reati ohra inkluz ta' serq.
Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li l-unika triq hija dik li l-imputat jiskonta perjodu ta' prigunerija effettiva, mhux biss ghar-reati li taghhom qed jinstab hati llum imma anke ghal dawk ir-reati li taghhom instab hati minn din il-Qorti kif diversament presedjuta bis-sentenza ta'l-4 ta'April 2005 u li dwarhom kienet saret ordni ta' *probation*, wara li l-Qorti titratta ma'l-imputat ghal dawk ir-reati a tenur ta' l-artikolu 23 tal-Kap 466 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi min-naha l-ohra l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat irregistra l-ammissjoni tieghu f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li r-reat odjern gie kommess fis-sena 2004.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, u wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278, 280, 289(1), u 335AL(3)(e),(5) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq

ammissjoni, ssib lill-imputat Saviour Gauci hati ta’l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta’ prigunerija ghal perjodu ta’ sentejn li minnu ghandu jitnaqqas kwalunkwe perjodu li huwa ghamel taht arrest preventiv in konessjoni ma’ dan il-kaz.

In oltre a tenur ta’ l-artikolu 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, u in vista tal-fatt li l-l-imputat gie dikjarat hati ta’ reat waqt il-perjodu ta’ *probation* impost fuqu minn din il-Qorti kif diversament preseduta permezz ta’ sentenza mghotija f’l-4 ta’April 2005, il-Qorti qed tittratta ma’ Saviour Gauci ghar-reati li dwarhom hu kien tpogga taht *probation* bil-mod li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati ghal-dawk ir-reati u fil-waqt li terga tikkonferma s-sejbien ta' htija ta’ dawk l-imputazzjonijet, tirrevoka l-msemmi ordni ta’ *probation* u wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278, 280, 289(1) u 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lil Saviour Gauci ghal piena ta’ prigunerija ghal perjodu iehor ta’ sentejn li minnu ghandu jitnaqqas kwalunkwe perjodu li huwa ghamel taht arrest perventiv in konessjoni ma’ dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------